MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1214/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**NATHANIEL DIACONO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NATHANIEL DIACONO,** bin Victor u Elizabeth nee' Caruana, imwieled Pieta' fit-30 ta' Settembru, 1990 residenti 3, Preston Court, Flat 5, Triq l-Imsierah, San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 489090(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-21 ta' Marzu 2013, ghal habta ta' 6:40 hrs ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBJ-825 b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

2. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Agius skond kif iccertifika Dr. Lara Sammut M.D. (Reg. No. 3629), u kif ukoll griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Brignone skond kif iccertifikat minn Dr Mohd Slim Mohd Afiq M.D. (Reg. No. 3598);

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni DBG-495, LCC-015 u BBE-097 ghad-dannu ta' Saviour Brignone, Gabriel Massa u Martin Agius rispettivament u/jew ta' persuna ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'kaz ta' htija, l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom okkorrenza, affidavit ta' Wps 224 S. Mifsud, skizz, certifikat mediku, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali u kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja datat 26 ta' Frar 2014.

**Dr Lara Sammut MD** xehdet fis-26 ta' Frar, 2014 fejn iddikjarat li fil-21 ta' Marzu, 2013 hija kienet invistat lil Martin Agius ghax kien involut f'incident bil-vettura tieghu. Hija spjegat li Agius kellu *hyperflextion* u *hyperextension injury*. Agius kien qed jghid li qed ihoss certu *weakness* f'idejh it-tnejn. Ix-xhud qalet li hija nvistatu mal-konsulent taghha Dr. Jonathan Joslin mill-bidu nett. Hija qalet li l-griehi ta' Martin Agius kienu ta' natura *grievious*. Ix-xhud giet murija certifikat li jinsab esebit fil-process a fol 20 fejn ikkonfermat li dan ic-certifikat hargitu hi u gharfet il-firma taghha fuqu.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro-ezami fejn qalet li hija kienet rat l-istorja medika ta' Martin Agius meta' kienet invistatu u filfatt Agius ibaghti mid-dijabete u jiehu l-pilloli ghaliha. Mistoqsija jekk jistax ikun illi t-taghrix tal-idejn huwa sintomu tad-dijabete wiegbet illi huwa iktar probabbli li dawn is-sintomi gejjin mill-*injury* li kellu. Pero' stqarret li hija mhix esperta tad-dijabete.

**Stephen Cachia** xehed fis-26 ta' Frar, 2014 fejn iddikjara li huwa qed jixhed in rapprezentanza ta' Transport Malta. Huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq min kienu rregistrati certu vetturi. Ix-xhud spjega li minn ricerka li ghamel irrizulta li l-vettura BBE-097 hija Maruti Gypsy ta' kulur ahmar u hija registrata fuq Filomena Agius, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 221144(M). Din il-vettura ilha registrata hekk mill-21 ta' Frar 2013.

Huwa gie mitlub ukoll jaghmel ricerka fuq il-vettura bin-numru DBG-495. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li din hija Opel Astra ta' kulur silver irregistrata fuq Saviour Brignone, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24065(M) u ilha registrata hekk mill-15 ta' Mejju 2000.

Ix-xhud gie wkoll mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCC-015. Mir-ricerka li ghamel jirrizulta li din hija Opel Corsa ta' kulur ahmar irregistrata fuq John Massa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 450459(M). Din il-vettura ilha registrata hekk mid-9 ta' Novembru 2012.

Huwa gie mitlub jaghmel ricerka fuq il-vettura bin-numri tar-registrazzjoni CBJ-825. Minn ricerka li ghamel jirrizulta li din hija Volkswagen Golf ta' kulur silver u hija rregistrata fuq Nathaniel Diacono, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 489090(M). Din il-vettura ilha hekk registrata mill-31 ta' Awwissu, 2012. Huwa spjega li gie mitlub biex jaghmel ricerka fuq il-licenzja tas-sewqan ta' Nathaniel Diacono u mir-ricerka li ghamel jirrizulta li hemm il-licenzja tas-sewqan valida sat-30 ta' Awwissu, 2013. Ix-xhud

ipprezenta d-dokumentazzjoni li ghadu kif xehed dwarha u liema dokument gie mmarkat bhala Dok. SC1.

**WPS 224 Susanne Mifsud** xehdet fis-26 ta' Frar, 2014 fejn iddikjarat li fil-21 ta' Marzu, 2013 waqt li kienet xoghol l-Ghassa tal-Hamrun, giet infurmata li ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (6:40hrs), taht il-mini ta' Santa Venera kien hemm kollizjoni u kien hemm il-feruti. Hija marret fuq il-post u rrizulta li kien hemm kollizjoni bejn erba' vetturi direzzjoni lejn il-Marsa. Il-vetturi nvoluti kellhom in-numru ta' registrazzjoni DBG-495, LCC-015, BBE-097 u CBJ-825.

Hija spjegat li fuq il-post kellha tissejjah ambulanza peress li tnejn mis-sewwieqa u cioe' Martin Agius li kien qed isuq il-vettura BBE-097 u Saviour Brignone li kien qed isuq il-vettura DBG-495 kellhom bzonn l-assistenza medika. Filfatt huma ttiehdu l-isptar mill-paramedici u rrizulta li ma kinux fil-periklu tal-mewt.

Sussegwentement ix-xhud ghamlet skizz tal-vetturi kif kienu qeghdin fuq il-post u wara l-vetturi tnehhew minn fuq il-post. Hija spjegat li Nathaniel Diacono li qed taghraf prezenti fl-awla kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBJ-825 li kienet l-ewwel wahda fid-direzzjoni lejn il-Marsa. Mistoqsija tghid x'verzjoni kien taha l-imputat tal-incident, wiegbet billi kkwotat il-kliem tieghu ezatti u cioe' "*Kont diehel gol-mina ghaddej normali u ma ndunajtx li waqaf ta' quddiemi*".

Ix-xhud waqt ix-xhieda taghha, ikkonfermat bil-gurament l-affidavit taghha li jinsab inserit fl-atti u dan wara li kien qralha l-affidavit il-Qorti. Hija kkonfermat ukoll li l-okkorrenza u l-iskizz ghamlithom hi.

Hija kompliet tixhed in kontro-ezami fejn ikkonfermat li z-zewg persuni li gew feriti f'dan l-incident kienu Martin Agius u Saviour Brignone. Hija rrizultalha li l-imputat kien fuq wara u dahal f'ta' quddiemu u cioe' f'ta' Martin Agius, Martin ipprova jiskapula lil ta' quddiemu u spicca n-naha l-ohra tat-triq. Martin kien laqat lil ta' quddiemu xorta u ta' quddiem rega' laqat lil ta' quddiemu.

Mistoqsija jekk fil-fatt kienx hemm zewg habtiet separati u cioe' li Martin Agius ma kienx induna li waqaf ta' quddiemu u habat ma' ta' quddiemu, u ghalhekk ma jigix li habat ma' ta' quddiemu minhabba d-daqqa li tah l-imputat wiegbet li Martin Agius hekk kien qallha fuq il-post. Pero' l-karozza tal-imputat li dahlet go ta' Martin kellha quddiem mifqugh u ghalhekk xorta Martin Agius ha daqqa minn wara. Hija spjegat li Martin Agius kellu karozza Jeep, li hija karozza b'sahhitha. Id-daqqiet ma dehrux u l-hsara li kellu fuq wara ma tantx dehret, iktar dehret il-hsara li kellu fuq quddiem.

Ix-xhud ikkonfermat li l-habta grat billi kien hemm Brignone quddiem, Massa dahal go Brignone, warajhom kien hemm Martin Agius u l-ahhar wiehed kien Nathaniel Diacono l-imputat odjern. Hija spjegat li Brignone u Agius kienu dawk li soffrew il-griehi.

**WPS 224 Susanne Mifsud** regghet xehdet fil-5 ta' Awwissu 2014 in kontro ezami fejn iddikjarat illi l-incident in kwistjoni kien jikkoncerna erba' vetturi u l-vettura tal-imputat kienet fuq wara nett. Hija spjegat li effettivament il-vettura li kienet quddiem l-imputat dahlet f'Martin Agius, Martin Agius dahal fil-karozza ta' quddiemu u biex jipprova jevita spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hija taqbel illi Martin Agius dahal fil-vettura ta' quddiemu *head-on*. Ix-xhud ma tistax tghid li effettivament kien hemm zewg incidenti separati.

**Martin Agius** xehed fis-26 ta' Frar, 2014 fejn iddikjara li huwa kien involut f'incident tat-traffiku li sehh inti u diehel taht il-mini ta' Santa Venera. Huwa kien gja miss bumper to bumper ma' ta' quddiemu u fil-pront il-karozza ta' warajh dahlet go fih. Mad-daqqa huwa ntilef minn sensieh, tefghu n-naha l-ohra u gera xi metri l-boghod. Ix-xhud kien qed isuq Maruti Gypsy bin-numru ta' registrazzjoni BBE-097. Dan l-incident sehh bejn is-sitta u kwart (6.15hrs) u s-sitta u nofs (6.30hrs) ta' filghodu.

Mistoqsi jekk sofriex minn xi griehi dakinhar wiegeb li ghandu jdejh imtarrxin. Mistoqsi jekk weggghax konsegwenza ghax dahal f'ta' quddiemu jew ghax dahal xi hadd iehor minn warajh wiegeb li huwa wegga' bid-daqqa ta' warajh. Huwa spjega li mad-daqqa huwa ntefa' fuq is-seat l-iehor imdendel bis-seat belt u gera fuq il-*lane* l-ohra. Eventwalment huwa ghamel tliet ijiem l-isptar. Mistoqsi jekk ghandux certifikat mediku wiegeb li huwa ghamel xahrejn igedded ic-certifikati. Mistoqsi jekk jafx x'inhu r-rapport mahrug minn Mr. Alec Sultana wiegeb li dan huwa rapport ta' meta' kien ezaminah il-Capua u kien qallu li jdejh ghadhom mhux tajbin sa

barra. Mistoqsi jekk ghandux kopja ta’ dan ir-rapport wiegeb illi m’ghandux.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn ikkonferma li l-karozza tieghu ssewwiet u thallas mill-insurance ta’ Nathaniel Diacono. Huwa tenna li d-dawl tal-karozza tieghu kien mixghul taht il-mina u qabel ma’ l-imputat kien dahal go fih, huwa kien dahal bumper to bumper go ta’ quddiemu. Mistoqsi jekk kienx hemm dawl bizzejjed peress li kien ghadu qed jisbah wiegeb li iva kien hemm ghax kien hemm id-dawl tal-karozzi.

Mistoqsi fejn kellu l-iktar hsara jekk hux quddiem jew fuq wara tal-karozza wiegeb li z-zewg nahat kienu qishom l-istess. Mistoqsi jekk l-imputat kienx qed isuq b’mod perikoluz wiegeb li le ma jafx. Huwa li jaf huwa li kif ezatt miss *bumper to bumper* huwa ha d-daqqa minn wara. Ix-xhud ma jiftakarx illi meta huwa habat go ta’ quddiemu, tefghu l-quddiem u tefghu gol-karozza ta’ quddiemu u ma jiftakarx lanqas id-distanza ta’ kemm tefghu ‘il quddiem. Huwa jaf li fejn sar l-incident qieghda daqsxejn ghan-nizla.

Mistoqsi jekk il-*handbrake* kienx mgholli jew imnizzel x’hin l-imputat dahal go fih wiegeb li kien ghadu mnizzel. Mistoqsi jekk kienx hemm spazju bejn il-karozza tieghu u l-karozza ta’ quddiemu wiegeb li kien hemm daqsxejn spazju.

Mistoqsi jekk ibaghtix minn xi kundizzjoni bhal artrite jew zokkor wiegeb li huwa jbaghti kemm miz-zokkor u kemm mill-artrite u ilu jbaghti bihom minn zmien ricenti.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u ghalhekk din il-Qorti kienet appuntat il-kawza ghall-kontinwazzjoni quddiemha ghall-gbir tal-provi.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta fl-20 ta' Mejju, 2014.

**Saviour Brignone** xehed fl-20 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li nhar il-21 ta' Marzu, 2013 ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (6.40am) huwa kien ghaddej bil-karozza tieghu taht il-mina ta' Santa Venera Bypass sejjer lejn id-direzzjoni tal-Marsa. Huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Astra Opel bin-numru ta' registrazzjoni DBG 495. Ix-xhud spjega li x'hin kien miexi jaf li sema' daqqa gejja mid-direzzjoni ta' wara u qala' daqqa qawwija. Sussegwentement sema' daqqa ohra minn wara u ntilef minn sensieh ghax huwa jbati mid-diabete u sussegwentement spicca l-Isptar. Fil-karozza mieghu kien hemm il-mara tieghu li jisimha Ruth Brignone u tarbija. Huwa kien jinsab quddiem nett.

Mistoqsi kemm kien hemm vetturi nvoluti f'dan l-incident wiegeb li jahseb li kien hemm xi erbgha. Huwa spjega li l-ewwel daqqa qalaghha minn wara, kien hemm daqqa ohra billi t-tielet karozza dahlet fit-tieni u b'impatt tat-tieni dahal gox-xhud. Din id-daqqa x-xhud hassha inqas milli hass l-ewwel daqqa.

**Ruth Brignone** xehdet fl-20 ta' Mejju, 2014 fejn ikkonfermat li fil-21 ta' Marzu, 2013 ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (6:40am) hija kienet riekba mar-ragel taht il-Bypass ta' Santa Venera sejrin lejn direzzjoni lejn il-Marsa. Il-karozza tar-ragel taghha hija tal-marka Opel bin-numru ta' registrazzjoni DBG 495. Hija spjegat li dakinhar, huma kienu weqfin ghat-traffic pero' f'daqqa u l-hin semghat diversi daqqiet gejjin min naha ta' wara, wahda ikbar mill-ohra. Ghall-ewwel huma hasbu li kienet il-karozza ta' warajha li bdiet ittihom dawn id-daqqiet. Sussegwentement giet is-surgenta u qaltilhom li kien hemm tliet karozzi nvoluti oltre huma li kienu fir-raba' karozza.

Sussegwentement ir-ragel taghha kien tah hass hazin u hi kienet bit-tarbija allura nkwetat hafna. Pero' taf li fix-xellug taghhom, fuq il-genb tal-mina kien hemm karozza li spiccat fil-hajt, filfatt qalulhom li kienet ir-raba' karozza. Is-Surgent qaltilha biex ma tohrogx mill-karozza ghax kien ghaddej it-traffik. Hija taf li hadu r-ragel taghha bl-ambulanza l-isptar u ghalhekk bdiet tinkwieta.

Mistoqsija jekk xi hadd minnhom soffriex xi griehi wiegbet li r-ragel taghha sofra griehi hfief bid-daqqa. Hija ddikjarat li qatt ma rat lil hadd f'dan l-incident.

**Gabriel Massa** xehed fid-29 ta' Mejju, 2014 fejn ikkonferma li nhar il-21 ta' Marzu 2013, huwa kien ghaddej minn Santa Venera Bypass, Santa Venera ghal habta tas-sebgha neqsin ghoxrin ta' filghodu. Huwa filfatt kien qed isuq vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni LCC-015. Huwa jaf li quddiemu kien hemm karozza ohra u warajh kien hemm

karozza ohra wkoll. Ix-xhud spjega li l-karozza li kienet warajh habtet go fih u bl-impatt li ha huwa spicca dahal fil-karozza ta’ quddiemu. Ftit wara sema’ habta ohra f’sens ta’ *break* qawwi u l-karozza ta’ warajh daret gol-*lane* l-iehor u habat mal-genb.

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm erba’ karozzi nvoluti f’dan l-incident, wiehed quddiemu u tnejn warajh. Huwa stqarr li ma sofra l-ebda griehi f’dan l-incident. Filfatt il-karozza tieghu kellha hsarat kbar fuq wara u filfatt giet iddikjarata bhala *total loss*. Huwa jaf li l-persuna li dahlet go fih kienet Martin Agius. <u>Dan Martin Agius dahal darba fih biss u bid-daqqa li qala’ peress li kienet qawwija huwa ntefa’ fuq il-karozza ta’ quddiemu</u> (sottolinear ta’ din il-Qorti). Mistoqsi kemm tefghu quddiem wiegeb li jahseb li kien tul ta’ karozza. Filfatt il-karozza ta’ wara Martin dahlet go Martin u Martin spicca fuq in-naha tax-xellug tieghu aktar il-quddiem. Ix-xhud spjega li filfatt kien qieghed fil-parti tan-nizla hdejn il-mina u jekk il-karozza tkun *free* tibqa’ niezla. Huwa t-tieni kollizjoni naturalment ma rahiex, semaha biss.

**Nathaniel Diacono l-imputat** xehed fl-4 ta’ Lulju, 2014 fejn iddikjara li fil-21 ta’ Marzu, 2013 ghal habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ filghodu (6.45hrs) kien sejjer xoghol gewwa Bulebel. X’hin kien wasal proprju fuq il-Bypass ta’ Santa Venera u kien se jidhol fil-mina, l-karozza li kien hemm quddiemu baqghet diehla fil-vettura li kien hemm quddiemha. Huwa ddikjara li dakinhar kien hemm traffiku mhux hazin u huwa kien qed isuq b’mod normali fit-traffiku, bejn tletin u erbghin kilometru fis-siegha.

Huwa jiftakar li meta brjekja l-karozza ma lahqitx waqfet u laqat il-karozza li kien hemm quddiemu. Meta' l-karozza ta' quddiemu li kienet tal-ghamla Maruti habtet fil-vettura li kien hemm quddiemha, il-karozza li kien hemm quddiemha mxiet il-quddiem. Effettivament intlaqtet karozza ohra. Huwa spjega li l-karozza tieghu laqtet il-karozza ta' Martin Agius, filwaqt li Gabriel Massa kien qed isuq il-vettura li habat fiha Martin Agius.

L-imputat spjega li meta effettivament Martin Agius dahal fil-karozza ta' Gabriel Massa kien hemm distanza konsiderevoli bejniethom u cioe' tul ta' ftit karozzi u d-daqqa li qala' Gabriel Massa kienet wahda konsiderevoli. Huwa sostna li t-triq fejn laqtu hija ftit ghan-nizla u qal li meta huwa laqat lil Martin Agius din bdiet niezla ftit bil-mod u waqaf mal-genb tat-triq.

Huwa kompla jispjega li l-karozza ta' Massa kienet imxiet bizzejjed il-quddiem fejn Martin Agius setgha spicca fil-hajt. L-imputat stqarr li l-*insurance* tieghu ghamlet tajjeb ghall-hsarat li kellu Martin Agius fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghu u ma kellha x'taqsam xejn mad-danni li sofrew Brignone jew li kellu Martin Agius fuq il-parti ta' quddiem tal-karozza.

Mistoqsi x'tip ta' danni kellu Martin Agius wiegeb li sa fejn ra hu kellu ghafsa. Huwa ddikjara li *injuries* ma sofriex f'dan l-incident. Il-vettura ta' Massa effettivament spiccat *total loss* u wara l-incident mar l-isptar biex jara kif kienu n-nies li weggghu f'dan l-incident u dan peress li huwa kien involut fl-incident. Huwa tenna li kien qed isuq Volks Wagen Golf tas-sena 2003 u s-Sur Agius kellu Maruti Gypsy.

Huwa ddikjara li kellu hsara fil-bumper ta’ quddiem, il-bonnet u l-fanali. Il-magna ma kienitx minsusa u lanqas l-*airbags* ma nfethu. Mistoqsi ghaliex huwa effettivament kien ghand il-Pulizija meta kienet qed taghmel l-investigazzjoni preliminari taghha ghax ma kienx induna bil-vettura ta’ Agius qal li effettivament mhux ma ndunax izda bbrejkja. Huwa jahseb li marki tat-tyres kien hemm ukoll fl-iskecc. Huwa qal li l-vettura tieghu hija wahda moderna fis-sens biex dak li jkun ma jweggghax, tassorbi l-hsara hi u ghalhekk il-hsara li jkollha tkun aktar visibbli.

**Mr. Alec Sultana** xehed fil-5 ta’ Awwissu 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti diversament preseduta b’digriet taghha tal-21 ta’ Ottubru 2013 sabiex jezamina lil Martin Agius bil-ghan li jistabilixxi jekk hux qed ibaghti minn dizabilita’ permanenti konsegwenza tal-incident awtomobilistiku.

Huwa jiftakar li sussegwentement kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-Collisions nhar id-9 ta’ Dicembru, 2013. Huwa gharaf il-*medical report* tieghu li jinsab esebit f’dawn l-atti a fol 26 et seq tal-process u kkonferma l-konkluzjoni tieghu. Ix-xhud iddikjara li m’ghandu xejn xi jbiddel u kkonkluda li effettivament Martin Agius qed ibaghti minn dizabilita permanenti ta’ 8%.

Ix-xhud ikkonferma li *hyper extension injury* ssehh meta l-ghonq jingibed lura. Huwa kkonferma wkoll li meta jkun hemm impatt, il-persuna li tkun liebsa seat-belt u ma jkollhiex head dress l-ewwel taghmel moviment ‘il

quddiem u sussegwentement lura. Dan isehh kemm jekk l-impatt ikun minn wara, kif ukoll jekk ikun wiehed frontarju u ghalhekk l-*injuries* li sofra Agius setghu sehhew kemm bl-impatt li kellu minn quddiem, kif ukoll dak li kellu minn wara. Huwa naturalment jista' joqghod fuq il-*clinical file* tieghu fuq dak li qallu l-pazjent u qal illi qabel dan l-incident huwa ma kienx ihoss dawn is-sintomi. Ix-xhud qal ukoll illi l-kanal li kien ghaddej ma kienx dejjaq bizzejjed biex jaghti dawn is-sintomi, b'kemm mija fil-mija ma tistax tkun naturalment.

**Dr Noel Bianco** xehed fil-5 ta' Awwissu 2014 fejn iddikjara li qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' assikurata Atlas Insurance. Huwa esebixxa bhala Dok. Z li hija kopja tal-polza relattiva. Ix-xhud spjega li l-vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni CBJ825 qal li hija assigurata f'isem Nathaniel Diacono, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 489090M u din b'effett minn 30 ta' Awwissu 2012 sa 31 ta' Awwissu 2013. Huwa ddikjara li *authorised drivers* ghandhom ikunu 'il fuq minn hamsa u ghoxrin sena.

Illi nhar is-17 ta' Ottubru 2014 deher l-imputat debitament assistit kif ukoll l-ufficjal prosekutur li ddikjaraw li ma kellhomx xhieda ohra xi jressqu u ghalhekk ghaddew biex seduta stante ghamlu t-trattazzjoni taghhom u talbu li din il-kawza tithalla ghas-sentenza fuq il-provi gja mressqa.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza bhala provi jirrizulta li kien hemm zewg incidenti separati fejn l-ewwel incident seta' aggrava ruhu bit-tieni incident. Jirrizulta li nhar il-21 ta' Marzu 2013 Martin Agius kien ghaddej minn taht il-mini ta' Santa Venera u baqa' diehel fil-vettura li kien hemm quddiemu misjuqa minn Gabriel Massa li in segwitu dahal f'ta' quddiemu u cioe' Saviour Brignone. Sa dak il-hin kien hemm tlett karozzi nvoluti u kif jghid Agius stess huwa kellu hsara estensiva fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu u kif jghid Gabriel Massa stess il-vettura tieghu giet iddikjarata *total loss*. Min naha l-ohra Brignone ighid li wkoll qala' daqqa fuq wara ghalkemm hsara ma kellux hafna u feriti ma sofriex. Illi pero' jirrizulta li ftit tal-hin wara l-imputat kien diehel gol-mina u ma ndunax kif jghid hu stess ex admisses li l-vettura ta' quddiemu misjuqa minn Martin Agius kienet involuta f'incident awtomobilistiku u baqa' diehel go fih u spicca fil-genb tat-triq.

Illi l-Prosekuzzjoni llum qed takkuza lil dan Nathaniel Diacono li saq il-vettura tieghu tal-ghamla Volkswagen Golf numru ta' registrazzjoni CBJ 285 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u bhala rizultat ta' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila lejn it-tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Agius. Issa min naha l-ohra d-difiza qed tichad li l-imputat saq bil-manjiera kif deskritta mill-Prosekuzzjoni izda ssostni li l-incident bejn Massa Agius u Brignone sehh independentement mis-sewqan tal-imputat odjern u ghalhekk ma jaghtix ghal dak l-incident u ghalkemm huwa minnu li dahal fil-vettura ta' Martin Agius jghid li ma kienx hu li kkagunalu l-feriti ta' natura gravi izda dawk gew kagunati bil-habta li l-istess Agius kellu meta laqat lil Massa u in segwitu lil Brignone. Id-difiza sostniet li bid-daqqa li ta Martin Agius kienu nvoluti tliet vetturi u fil-fatt jirrizulta li l-hsarat fuq il-vettura ta' Massa u cioe' l-vettura li dahal direttament fiha Agius kellha

hsarat estensivi tant li filfatt il-karozza tieghu kellha hsarat kbar fuq wara u filfatt giet iddikjarata bhala *total loss*. Massa jghid li l-persuna li dahlet go fih kienet Martin Agius u jghid ukoll li dan Martin Agius dahal darba fih biss u bid-daqqa li qala' peress li kienet qawwija huwa ntefa' fuq il-karozza ta' quddiemu (sottolinear ta' din il-Qorti). Mistoqsi kemm tefghu quddiem wiegeb li jahseb li kien tul ta' karozza. Filfatt il-karozza ta' wara Martin dahlet go Martin u Martin spicca fuq in-naha tax-xellug tieghu aktar il-quddiem u lilu ma messux. Jidher ukoll li in segwitu bid-daqqa li qala' dan Massa, laqghat lil ta' quddiemu u cioe' lil Brignone li apparti li kellu xi hsarat fil-vettura tieghu sofra wkoll xi griehi ta' natura hafifa.

Illi bhala griehi jew ahjar in-natura taghhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' dawk sofferti minn Martin Agius kienu ta' natura gravi kif iddeskriva l-Ortopediku Alec Sultana stante li dan Agius illum ghadu disabilitat permanenti ta' 8% waqt li dawk sofferti minn Saviour Brignone kienu ta' natura hafifa u ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti tara jekk l-imputat ghandux jinzamm responsabbli ghal dawn il-feriti flimkien mad-danni materjali sofferti minnhom u minn Gabriel Massa waqt dan l-incident.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli saq il-vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u ghalhekk din il-Qorti sejra tezamina l-atti sabiex tara liema minn dawn it-tip ta' sewqan tirrizulta u jekk tirrizultax xi wahda minnhom. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Andre Apap** fejn dik il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti

diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) fejn inghad:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel."*

Naturalment ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".

Issa jirrizulta mill-atti u cioe' anke minn dak li qal l-imputat stess a tempo vergine lill-ufficcjal investigattiv li huwa dahal gol-mina u ma ndunax li l-

vettura ta' quddiemu kienet mahbuta. Jidher car li l-vettura ta' quddiemu misjuqa minn Martin Agius kienet gja habtet fil-vettura ta' quddiemha u dik ta' quddiemha dahlet f'karozza ohra independentement mill-habta tal-imputat. Ma jidhirx li l-habta bejn l-imputat u Martin Agius kienet daqshekk kbira li nvolviet iz-zewg vetturi l-ohra u dan ghaliex kif qal Massa stess li mal-habta ta' bejn l-imputat u Agius l-imputat spicca fil-genb tat-triq u ma baqax inkaljat fil-vettura ta' Agius minkejja li laqtu.

Rigward it-tielet akkuza, li l-imputat qed jigi akkuzat li kiser l-Artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' talli nvoluntarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaret Borg talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Saviour Brignone u talli kkaguna danni fuq it-tliet vetturi ta' Agius, Massa u Brignone l-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid.

L-imputat qed jigi akkuzat li kiser l-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' talli nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Margaret Borg.

Il-Qorti ghalhekk tistaqsi x'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-ligi u senjatament minn dan l-istess Artikolu 226 tal-Kap 9. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kazijiet bhal dan odjern, li l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares ir-regolamenti tat-traffiku.

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat hux hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolmenti.

Fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa ta' Settembru, 1990,*** il-Qorti dahlet fid-dettall dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kazijiet.

"*In succint, fuq skorta t'awturi, u gurisprudenza citata it-trepied tal-kolpa gie definit bhala*

*a.* *la volontarieta' dell'atto;*

*b.* *la mancata previsione dell''effetto nocivo*.

*c.* *la possibilita di prevedere.*"

Issa fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-imputat kellu *proper lookout* u dan ghaliex kif gie elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qrati Inglizi ***Newhaus N.D. v Bastion Insurance Co. Limited***:

"*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happenning in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Marthese Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbgha w ghoxrin ta' Awwissu, 1990 dik il-Qorti qalet li:

"*Dak li jikkostitwixxi proper lookout jvarja minn kaz ghal kaz. Imma l-principju generali hu wiehed. Sewwieq ghandu jkun f'posizzjoni li jirreagixxi ghal azzjoni jew agir sorprendenti li jista' jitfacca fit-triq. Dan hu dettat mill-prudenza u l-ligi.*"

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanya Sacco** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986 dik il-Qorti qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritt xorta wahda ghandha zzomm *a proper lookout* ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Jirrizulta mill-provi li l-imputat ma zammx *proper lookout* u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku meta huwa kien ghaddej minn taht il-mini u ma ndunax li l-vettura ta' quddiemu kienet gja mahbuta fi tliet karozzi ohra u in oltre li meta zamm il-brejk il-vettura tieghu ma zammitx. Dan huwa ndikattiv li huwa nduna bil-habta meta kien vicin hafna mal-vettura ta' quddiemu u ghalhekk zgur li ma kienx qed izomm *a proper look out.*

Illi ghalhekk jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ta' sewqan negligenti u traskurat u talli kkaguna danni materjali fil-vettura ta' Martin Agius fuq il-warrani taghha. Pero' ma

jistax jinzamm responsabbli ghal sewqan perikoluz peress li din l-akkuza ma tirrizultax provata u lanqas ma jista' jinzamm responsabbli ghad-danni sofferit minn Massa, Brignone u Agius ghal dak li jirrigwarda d-danni li kellu fuq quddiem tal-vettura tieghu. Zgur li ma jistax jinzamm responsabbli ghal feriti hfief li sofra Saviour Brignone ghaliex dawk gew kagunati mill-habta li kellu Agius f'Massa u in segwitu fih. Ghar-rigward tad-danni li sofra Agius u cioe' dawk ta' feriti gravi jinghad li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li dawn id-danni kienu rizultat tal-habta ta' bejn l-imputat u Agius stess. Anzi bix-xhieda li ta Massa jirrizulta li l-habta li kellu Agius ma' Massa kienet tant kbira li lilu (lil Massa) bid-daqqa li qala' spicca fuq Brignone u spicca wkoll li tilef il-vettura tieghu minhabba li giet dikjarata *total loss*. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-ewwel habta li ma kienitx tinvolvi lill-imputat kienet wahda kbira u kien proprju f'din l-ewwel habta li possibilment Agius sofra dawn il-griehi kif deskritti minn Dr Alec Sultana fir-rapport tieghu.

**Ghalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 216, 221, 226 u 328 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 ( 1) (a) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ssib lill-imputat NATHANIEL DIACONO hati ta' sewqan negligenti u traskurat u talli kkaguna danni nvolontarji fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBE 097 u tikkundannah multa ta' mitt ewro (€100) u mhux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------